IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2021
COM(2021) 254 final

2021/0129 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ċertu makkinarju mgħammar b'magni fil-medda tal-potenza bejn 56 kW u 130 kW, u aktar minn 300 kW biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat tfixkil kbir fil-ktajjen tal-provvista, u dan kellu impatt fuq il-kapaċità tal-fabbrikanti tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq (NRMM) biex jissodisfaw xi wħud mid-dati ta' skadenza imposti mir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq.

B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, ġie adottat ir-Regolament (UE) 2020/1040 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628. Huwa ppospona ċerti skadenzi li l-fabbrikanti ma setgħux jibqgħu jissodisfaw mingħajr ma jġarrbu ħsara ekonomika serja minħabba t-tfixkil mhux mistenni fil-katina tal-provvista. Dan kien jikkonċerna makkinarju li juża l-hekk imsejħa "magni ta' tranżizzjoni" fil-medda tal-potenza <56 kW u >130kW, li l-produzzjoni tiegħu kellha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2020 u li kellu jitqiegħed fis-suq sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-fabbrikanti ngħataw 12-il xahar addizzjonali biex jipproduċu u jqiegħdu fis-suq il-makkinarju mgħammar b'dawk il-magni.

Dak ir-Regolament indirizza biss l-iskadenzi li seħħew fl-2020 peress li huma kienu dawk li kienu jeħtieġu li jiġu posposti b'mod urġenti u kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat jekk kinitx ġustifikata estensjoni tal-iskadenzi li se jseħħu fl-2021.

Il-fabbrikanti għandhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex ilestu l-produzzjoni tal-makkinarju mgħammar b'dawk il-magni u sal-31 ta' Diċembru 2021 biex iqegħduhom fis-suq.

Madankollu, minħabba t-tkomplija tat-tfixkil fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni kkawżata mit-tieni u t-tielet mewġa tal-COVID-19, il-fabbrikanti mhux se jkunu jistgħu jissodisfaw l-iskadenzi tal-2021 applikabbli għall-makkinarju mgħammar b'magni ta' tranżizzjoni fil-medda tal-potenza bejn 56 kW u 130 kW, u aktar minn 300 kW mingħajr ma jġarrbu ħsara ekonomika serja.

Fid-dawl tat-tfixkil kontinwu, huwa għalhekk meħtieġ li dawn id-dati jiġu posposti biex jiġi evitat li l-magni ta' tranżizzjoni, li n-numru tagħhom huwa limitat, peress li kellhom jiġu manifatturati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019, ma jistgħux jibqgħu jiġu installati fil-makkinarju fil-ħin u għalhekk ikollhom jiġu skreppjati.

Filwaqt li għad hemm distorsjonijiet fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni, l-amplitudni u l-intensità tagħhom ma jistgħux jitqabblu ma' dawk li pprevalew fir-Rebbiegħa tal-2020. Għal dawn ir-raġunijiet, estensjoni ta' sitt xhur għall-manifattura tal-makkinarju mgħammar b'dawk il-magni u estensjoni ta' 9 xhur għat-tqegħid fis-suq, minflok ta' tnax-il xahar għat-tnejn li huma fl-2020, huma ġustifikati.

Jenħtieġ li jitqies, irrispettivament mit-tul tal-estensjoni, l-operaturi ekonomiċi mhu se jkollhom l-ebda interess li jdewmu aktar it-tlestija u t-tqegħid fis-suq tal-makkinarju, tal-vetturi u tal-bastimenti li għalihom diġà ġarrbu l-ispejjeż.

Fl-aħħar, l-estensjoni proposta se tkun applikabbli wkoll għall-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni ta' tranżizzjoni peress li huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-NRMM dwar l-emissjonijiet tal-inkwinanti[1].

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika peress li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Billi l-proposta tinvolvi emendi għal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, l-UE biss tista' tindirizza l-kwistjonijiet b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-objettivi ta' politika ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti bl-azzjonijiet tal-Istati Membri.

Jeħtieġ l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea biex jiġi evitat li jinħolqu l-ostakli għas-suq uniku, b'mod partikolari fil-qasam tal-magni għall-NRMM, u minħabba n-natura tranżnazzjonali tat-tniġġis tal-arja.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għax ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin ikun hemm livell għoli ta' sikurezza pubblika u protezzjoni ambjentali. It-tul tal-estensjoni proposta huwa proporzjonat mad-durata mistennija tat-tfixkil minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

• Għażla tal-istrument

Regolament li jemenda Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Din il-proposta mhijiex akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt separata, minħabba li diġà saret valutazzjoni tal-impatt għar-Regolament (UE) 2016/1628. Din il-proposta ma tibdilx is-sustanza ta' dak ir-Regolament u ma timponix obbligi ġodda fuq il-partijiet ikkonċernati. Hija mmirata primarjament biex tipprovdi, għal raġunijiet eċċezzjonali fil-kuntest tal-pandemija attwali tal-COVID-19, estensjoni ta' sitt xhur għall-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju mgħammar b'ċerti magni ta' tranżizzjoni. Il-proposta ma għandha l-ebda effett sinifikanti ambjentali peress li l-miżuri jiffaċilitaw it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti mgħammra b'magni prodotti qabel il-pandemija. Huma jevitaw ukoll il-ħtieġa li jiġi skreppjat makkinarju mgħammar b'dawn il-magni, li fin-nuqqas tagħhom ma jkunux konformi.

[1] L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex impatt fuq il-baġit għall-istituzzjonijiet tal-UE.

2021/0129 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar ċertu makkinarju mgħammar b'magni fil-medda tal-potenza bejn 56 kW u 130 kW, u aktar minn 300 kW biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jistabbilixxi rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet għal inkwinanti gassużi u partikolati u l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal diversi kategoriji ta' magni għal makkinarju mobbli mhux tat-triq.

(2) Id-dati applikabbli għall-valuri tal-limitu l-ġodda tal-emissjonijiet, imsejħa –"Stadju V" fir-Regolament (UE) 2016/1628, huma stabbiliti biex il-fabbrikanti jingħataw informazzjoni ċara u komprensiva, kif ukoll perjodu ta' żmien xieraq għat-tranżizzjoni lejn l-Istadju V, filwaqt li fl-istess ħin, jitnaqqas sostanzjalment il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni.

(3) Minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19 u l-katina tal-provvista assoċjata kif ukoll it-tfixkil fil-produzzjoni, il-fabbrikanti tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, imsejħa "fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali" jew "OEM" kellhom diffikultajiet biex jissodisfaw l-iskadenzi tat-30 ta' Ġunju 2020 u tal-31 ta' Diċembru 2020 għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju mgħammar b'dawk il-magni li jikkonformaw mal-valur tal-limitu tal-emissjonijiet inqas stretti minn dawk tal-Istadju V. F'dan il-kuntest, ir-

[2] ĠU C […], […], p. […].

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

Regolament (UE) 2016/1628 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2020/1040 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] biex itawwal dawk l-iskadenzi bi 12-il xahar.

(4) Meta wieħed iqis li t-tfixkil kontinwu fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 għadu jwassal għal dewmien fil-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju mgħammar b'kategoriji oħra ta' magni (bejn 56 kW u 130 kW, u 'l fuq minn 300 kW) li jikkonformaw ma' limiti tal-emissjonijiet inqas stretti minn dawk tal-Istadju V, huwa probabbli ħafna li l-OEM mhux se jkunu jistgħu jissodisfaw l-iskadenzi tat-30 ta' Ġunju 2021 u tal-31 ta' Diċembru 2021 stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628 għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mingħajr ma jġarrbu ħsara ekonomika serja.

(5) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi attwali, u biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitati tfixkil potenzjali fis-suq, jeħtieġ li jittawwal iż-żmien tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (UE) 2016/1628 għal dawk il-kategoriji ta' magni.

(6) Minħabba li l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali mhu se jkollha l-ebda impatt ambjentali, peress li l-magni ta' tranżizzjoni kkonċernati diġà ġew prodotti, jenħtieġ li l-estensjoni tal-perjodi rilevanti tkun ta' sitt xhur għall-produzzjoni tal-makkinarju mgħammar b'dawk il-magni u 9 xhur għat-tqegħid fis-suq.

(7) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jittawwal iż-żmien ta' ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (UE) 2016/1628, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv.

(8) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi ta' eċċezzjoni kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, kien meqjus xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1628 jiġi emendat skont dan.

(10) Għall-fini tal-fatt li l-perjodu tranżizzjonali previst fir-Regolament (UE) 2016/1628 għal ċerti subkategoriji ta' magni se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021 u li l-OEM għandhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex jipproduċu makkinarju mobbli mhux tat-triq li jkun mgħammar b'magni ta' tranżizzjoni ta' dawk is-subkategoriji, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

[4] Ir-Regolament (UE) 2020/1040 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 231, 17.7.2020, p. 1-3).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2016/1628 huwa emendat kif ġej:

L-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 5, jiżdied is-sitt subparagrafu li ġej:

"Għal magni tas-subkategoriji kollha li għalihom id-data stabbilita fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni ta' Stadju V hija l-1 ta' Jannar 2020, minbarra l-magni msemmija fit-tieni u fit-tielet subparagrafu, il-perjodu ta' tranżizzjoni u l-perjodu ta' 18-il xahar imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu estiżi b'sitt xhur.";

(2) fil-paragrafu 7, jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) 33 xahar mid-data applikabbli għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbilita fl-Anness III, fil-każ stabbilit fis-sitt subparagrafu tal-paragrafu 5".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*